# JUNIOR LYCEUMS ANNUAL EXAMINATIONS 2001

**Educational Assessment Unit - Education Division**

| FORM 1 | RELIGION | Time: 1½hours |
|---|---|---|

**Name**__________________________________ **Class**____________________

**L-EWWEL SEZZJONI - Wieġeb fil-qosor dawn il-mistoqsijiet:**

1. **Fejn trabba Ġesù?**

2. **X'inhi r-Reliġjon ta' Malta?**

3. **F'liema ktieb tal-Bibbja nsibu r-rabta bejn Malta u l-fidi nisranija?**

4. **X'isimha x-xmara ewlenija li taqsam il-Palestina minn fuq s'isfel?**

5. **Min kien imexxi l-Palestina fi żmien it-twelid ta' Ġesù?**

6. **X'kien ifisser il-ħaruf tal-Għid għall-Lhud?**

7. **Kif kienet tiġi ċċelebrata l-festa tal-Għid fl-Antik Testment?**

8. **Għalfejn Ġesù kien jagħmel il-mirakli?**

9. **Is-Sadduċej f'hiex ma kienux jemmnu?**

10. **Min kien Ġeremija?**

**(20 marka)**

**IT-TIENI SEZZJONI - Agħżel it-tajba u wara ikteb ir-risposta fil-kaxxa ta' hawn taħt. Wara li tifforma l-kelma fil-kaxxa bis-shading, ikteb talba lil Alla bil-kelma li tkun sibt.**

1. Fiż-żmien tal-pre-adoloxxenza jien (ninbidel/nitgħallem/nitbellah) biex minn tifel/tifla żgħir/a insir kbir/a.
2. Il-Lhud kienu jiltaqgħu fis-Sinagoga kull nhar ta' (Ħadd/Sibt/Ġimgħa) biex jitolbu.
3. Wieħed mill-erba' evanġelisti (Mark/Mattew/Ġwanni).
4. Dawn kienu jiġbru t-taxxi (Fariżej/Sadduċej/Pubblikani).
5. Kien hawnhekk li twieled Ġesù (Ġeriko/Betlehem/Ġerusalemm).
6. Ġesù tgħammed fix-xmara (Galilija/Ġordan/Tiberiade).



TALBA: ____________________________________________

____________________________________________

____________________________________________

(5 marki)

**IT-TIELET SEZZJONI - Qabbel dawn is-siltiet billi tniżżel in-numru fejn suppost:**

| | | |
|---|---|---|
| 1. Kull nhar ta' Sibt il-Lhud | | iġib firda minn Alla u minn xulxin |
| 2. Nistgħu ngħidu li Ġesù | | storja li tagħtini tagħlima |
| 3. Abraham baqa' magħruf | | kienu jaqraw il-bibbja fis-Sinagoga |
| 4. Id-dnub | | wieħed magħtub ħdejn il-bieb tat-Tempju |
| 5. Permezz tal-profeti | | kien ukoll għalliem kbir |
| 6. Il-festa tal-Għid | | id-dawl tad-dinja |
| 7. F'isem Ġesù Pietru fejjaq | | Alla beda juri ftit ftit il-pjan tiegħu |
| 8. Ġesù ġie biex ikun | | intagħżel minn Alla nnifsu |
| 9. Bil-kelma parabbola nifhem | | kienet taħbat qrib ir-Rebbiegħa |
| 10. L-isem ta' Ġesù | | bħala missier ta' dawk li jemmnu |

(10 marki)

**IR-RABA' SEZZJONI - Aqra s-silta t'hawn taħt u wieġeb il-mistoqsijiet:**

"Għalhekk kull min jisma' dan kliemi u jagħmel li qiegħed ngħid jien, isir jixbah lil bniedem għaqli li bena daru fuq il-blat. Niżlet ix-xita, ġew il-widien, qamu l-irwiefen u ħabtu fuq dik id-dar, iżda ma ġġarfitx, għax kellha s-sisien tagħha fuq il-blat. Imma kull min jisma' dan kliemi u ma jagħmilx li qiegħed ngħid jien, isir jixbah lil bniedem iblah li bena daru fuq ir-ramel. Niżlet ix-xita, ġew il-widien, qamu l-irwiefen u ħabtu fuq dik id-dar, u ġġarfet; u kbira kienet il-qerda tagħha!"

1. Min qed jitkellem f'din is-silta?

____________________________________________

2. Xi tfisser din is-sentenza, "bniedem għaqli li bena daru fuq il-blat"?

______________________________________________________________________

**3. Għaliex id-dar tal-bniedem għaqli ma ġġarfitx?**

______________________________________________________________________

**4. Min hu l-bniedem iblah u xi ġrala d-dar li bena?**

______________________________________________________________________

**5. X'tagħlima nieħdu minn din is-silta?**

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

**(20 marka)**

**<u>IL-ĦAMES SEZZJONI</u>**

**1. Ikteb it-tliet Reġjuni tal-Palestina mmarkati fuq il-mappa A, B, C.**

**A** ______________________

**B** ______________________

**C** ______________________ **(3 marki)**

**2. Ikteb x'ġara f'erba' postijiet mis-sitta li hemm imarkati fuq il-mappa.**

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

**(12-il marka)**




---

**<u>IS-SITT SEZZJONI</u> - <u>Agħżel TNEJN minn dawn is-suġġetti li ġejjin u fuq karta separata ikteb madwar 100 kelma fuq kull wieħed li tagħżel</u>:**

1. **Il-Kotba Mqaddsa.**
2. **Ġesù quddiem Pilatu.**
3. **Il-ġrajja ta' Żakkew.**
4. **Ġesù fil-Ġetsemani.**

**(30 marka)**

---